MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 24/2005/1

Rikors Nru  24/2005

Meliton Group Limited

Vs

Philip u Tereza konjugi Agius

Il-Bord,

Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fit-2 ta' Marzu, 2003 fejn esponew:

Illi s-socjeta' esponenti tikri minghand l-intimati l-fond adebit bhala mahzen li jgib in-numru erbatax (14) Triq San Rokku, Zebbug bil-kera ta' elf u erba' mitt lira Maltin (Lm1,400) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem kull tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar u tnejn u ghoxrin (22) ta' Awissu u l-ahhar skadenza ghalqet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar, 2005.

Illi b'ittra ufficjali li ggib id-data tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju, 2004 (Dok A) l-intimati informaw lis-socjeta' esponenti li mill-iskadenza tat- tnejn u ghoxrin (22) ta' Awissu 2004, il-kera ser toghla ghal elfejn lira Maltin (Lm2,000) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem;

Illi r-rata gdida ta' kera hawn fuq imsemmija hija ezagerata u mhix accettabbli ghas-socjeta' esponenti u fil-fatt hi baghtet ittra ufficjali li ggib id-data tal-24 ta' Awissu 2004 (Dok B) biex tinforma lill-intimati li mhix bi hsiebha taccetta l-awment ta' kera minnhom impost arbitrarjament fl-ittra ufficjali taghhom hawn fuq imsemmija;

Ghaldaqstant s-socjeta' esponenti titlob bir-rispett lil dan il-Bord sabiex joghgbu jikkonferma li l-kera attwali hija gusta u li ma timmeritax li tigi awmentata skond kif talbu l-intimati stante li t-talba taghhom ghal tali awment hija maghmula bla ebda dritt validu fil-ligi;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati
Ra l-ittra ufficjali li l-intimati pprezentaw fid-29 ta' Lulju 2004 fejn esponew:

Illi bil-prezenti Philip u Tereza konjugi Agius ta' "St Philip", St Rocco Street, Zebbug, Malta jinfurmawk li mill-iskadenza li jmiss tal-kera tal-fond 14, St Rocco Street, Zebbug, Malta l-kera hija ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) fis-sena u cioe' elf lira Maltin (Lm1,000) kull sitt xhur, l-iskadenza li jmiss tkun f'Awissu, 2004.

Tant biex taghraf tirregola ruhek.

Din l-interpellanza qieghda ssir ai termini tal-ligiijiet tal-kera.

Bl-ispejjez.

Ra d-digriet tieghu tal-25 ta' Marzu, 2005 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti minn fejn jirrizulta li l-kera ta’ Lm1,400 diga’ teccedi l-erbghin fil-mija li biha l-istess fond kien mikri jew seta’ kien mikri fl-4 ta’ Awissu, 1914.

Billi l-kera tallum hija aktar minn dik li biha kien mikri jew seta’ kien mikri l-fond fl-4 ta’ Awissu, 1914 jilqa’ t-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kontra l-intimati; r-relazzjoni tal-periti taghmel parti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------